# L-Indikaturi Bikrin tas-Servizzi: K2/2024

NR 154/2024 Data tal-Ħruġ: 23 ta' Awwissu 2024 Data tal-Għeluq: 09 ta' Awwissu 2024

*Fit-tieni kwart tal-2024, il-fatturat tas-servizzi aġġustat għall-effetti tal-istaġun naqas b'1.7 fil-mija fuq l-ewwel kwart tal-2024. Meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2023, il-fatturat tal-attivitajiet tas-servizzi magħżulin, aġġustat bil-jiem tax-xogħol, żdied bi 8.8 fil-mija.*



**Tqabbil mat-tliet xhur ta' qabel**

Wara l-aġġustar għall-effetti tal-istaġun u l-għadd ta' jiem tax-xogħol, l-indiċi totali tal-fatturat tas-servizzi naqas b'1.7 fil-mija bejn l-ewwel kwart u t-tieni kwart tal-2024.

L-ogħla żieda kienet irreġistrata fl-informazzjoni u l-komunikazzjoni (20.8 fil-mija). Wara dawn, kien hemm żidiet fl-attivitajiet tal-proprjetà immobbli (14.0 fil-mija), fit-trasport u l-ħażna (2.3 fil-mija), fl-attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (2.3 fil-mija) u fil-kummerċ bl-imnut (0.2 fil-mija). Min-naħa l-oħra, kien irreġistrat tnaqqis fil-fatturat ta' 4.9 fil-mija fil-kummerċ tal-vetturi bil-mutur, fil-kummerċ bl-ingrossa, u fl-attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn, rispettivament. Barra minn hekk, l-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi rreġistraw ukoll tnaqqis fil-fatturat ta' 3.8 fil-mija (Tabella nru 1).

Bejn l-ewwel kwart u t-tieni kwart tal-2024, in-numru ta' persuni impjegati (Tabella nru 3), il-pagi u s-salarji gross (Tabella nru 5) u s-sigħat maħduma (Tabella nru 7) naqsu b'1.0 fil-mija, b'0.3 fil-mija u bi 3.0 fil-mija, rispettivament.

**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Fit-tieni kwart tal-2024, l-indiċi tal-fatturat sħiħ tas-servizzi żdied bi 8.8 fil-mija fuq bażi annwali wara l-aġġustar għall-għadd ta' jiem tax-xogħol. Kienu rreġistrati żidiet fl-informazzjoni u l-komunikazzjoni (28.6 fil-mija), fl-attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn (20.0 fil-mija), fit-trasport u l-ħażna (16.1 fil-mija), fl-attivitajiet tal-proprjetà immobbli (14.4 fil-mija), fil-kummerċ tal-vetturi bil-mutur (9.7 fil-mija), fl-attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (7.9 fil-mija), fil-kummerċ bl-imnut (3.3 fil-mija) u fl-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (3.0 fil-mija). Min-naħa l-oħra, kien irreġistrat tnaqqis fil-fatturat tal-kummerċ bl-ingrossa (6.2 fil-mija) (Tabella nru 2).

L-indikaturi dwar in-numru ta' persuni impjegati (Tabella nru 4), il-pagi u s-salarji gross (Tabella nru 6) u s-sigħat maħduma (Tabella nru 8) żdiedu b'1.0 fil-mija, b'4.5 fil-mija u b'1.8 fil-mija, rispettivament, fuq l-istess perjodu tal-2023.

## Ċart nru 1. Il-fatturat annwali tas-servizzi aġġustat bil-jiem tax-xogħol

(differenza fil-persentaġġ meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel)

